MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Numru 1108/2006

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND AQUILINA
SPETTUR JESMOND BORG
VS
OMMISSIS A

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *Ommissis A* ta' *ommissis* sena, iben *mhux maghruf* u *Ommissis B* xebba *ommissis*, imwieled *ommissis*, fi *ommissis* u joqghod *ommissis* u detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru *ommissis*.

Illi huwa akkuzat talli fid-19 t'Ottubru 2006 ghal habta ta' l-ghaxra neqsin kwart ta' filghaxija gewwa jew fl-inhawi ta' Wied Blandun, Rahal Gdid;

a). B'eghmil zieni, ikkorrompa lil persuna taht l-eta' u cioe lil *Ommissis C*, minorenni ta' *ommissis*-il sena u dan bi ksur ta' l-Artikolu 203(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b). Fl-istess lok, hin u cirkustanzi, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-artikolu 203(1), eccitajt, ghint jew iffacilitajt l-korruzzjoni ta' *Ommissis C* minorenni ta' *ommissis*-il sena tas-sess il-wiehed jew l-iehor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c). Bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil l-istess minuri *Ommissis C*, kontra l-volonta' taghha u dan bhala mezz biex hu jigi mgieghel jaghmel xi haga, jew joqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess tieghu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 86 u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d). Fl-istess lok, hin u cirkustanzi, offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

e). Ukoll talli kiser il-provvediment ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 25 ta' April 2006.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali li jinstabu a fol.109, taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal tas-7 ta' Mejju 2008 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti tat opportunita' ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-imputat fl-istqarrija tieghu, jaghti rakkont ta’ atti sesswali cioe sess orali ma’ tfajla ta’ *ommissis*-il sena ma’ min kien iltaqa’ xi jum qabel, tfajla li ma jafx x’kuljoma u li hu u siehbu *Ommissis D* kien talab lil din it-tfajla taghmel sess orali fuqhom.

L-imputat xhed illi din it-tfajla accettat li taderixxi ghax xewqat tieghu u li dan kollu sar f’post pubbliku u cioe f’Wied Blandun. Sieheb l-imputat, *Ommissis D*, biex “jiccajta”, qal lil minuri illi kien hadilha video ta’ dawn l-atti sesswali.

Il-Qorti, f’ezami taghha ta’ l-istqarrija ta’ l-imputat, nnutat u tinsab mhassba bil-leggerezza li tavvicina l-indifferenza, jekk mhux addirittura traskuragni, fl-isfera ta’ ‘casual sex’ mill-adoloxxenti Maltin.

Dan iz-zaghzugh, li kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax-il sena, flimkien ma’ siehbu, talab lit-tfajla ghal pjacir sesswali orali - waqt li fl-istess hin l-imputat kien qieghed jitlob lill-istess minuri **tirrangalu ma’ tfajla ohra**. Il-minuri koncernata, gurnata qabel kienet kellmet lit-tfajla mixtieqa li rrifjutat l-avvanzi sesswali tieghu ghax kienet qed timmenstrua u la ma setghetx jkollha x’taqsam sesswalment ma’ l-imputat, ma kinitx interessata li tiltaqa’ mieghu. **Dan d-diskors sar fl-isfond ta’ relazzjoni intima ta’ sess orali bejn l-imputat u li munuri koncernata - veru kas ta’ “I don’t mind and you don’t matter.”**

Illi di piu’, din il-Qorti temmen illi fin-nuqqas tal-cosi detta “cajta,” (li dak kollu li kien qed jsehh bejn l-imputat u l-minuri kien qed jigi rikordjat b’video,) **certament ebda kwerela ma kienet issib ruha ghand il-Pulizija.**

Illi din il-Qorti, meta waslet biex tqis il-piena xierqa ghal dan il-kaz hadet in konsiderazzjoni illi dan il-kaz jitratta

sess orali bejn zewg minuri. Hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta’ l-imputat, il-fedina penali tieghu u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat, *Ommissis A*, hati ta’ l-ewwel (1), r-raba’ (4) u l-hames (5) akkuza b’assorbiment ai fini ta’ piena tat-tieni (2) akkuza, issibu mhux hati tat-tielet (3) akkuza u tilliberah fuq insenjament ta’ sentenza Pulizija vs. Anthony u Denis Pandolfino, deciza fid-19 ta’ Ottubru 2006 mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali per Imhallef Galea Debono, u wara li rat Artikoli 37, 203, 209 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446, tordna li l-imputat jitqieghed taht Probation Order ta’ tlett (3) snin.

In oltre, l-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------